# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020**

**Kawża Nru. 27**

**Rik. Nru. 527/12JRM**

Maria Concetta **SAMMUT**

vs

Stephen **McCARTHY**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta' Mejju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fis-7 ta' Frar, 2010, fi Triq il-Plejju kantuniera ma' Triq in-Namur fl-Iklin meta ttajret mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBP 641 misjuqa minnu, u dan minħabba s-sewqan traskurat u bla ħila u l-ksur tar-regolamenti tas-sewqan min-naħa tiegħu; (ii) tillikwida d-danni mġarrba,

jekk meħtieġ permezz ta' perit minnha maħtur; u (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallas id-danni likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Ġunju, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Ġunju, 2012[2], fejn ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' x-xhieda tal-partijiet, u lill-kirurgu Charles Grixti bħala espert ortopediku;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-18 ta' Lulju, 2012, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħad kull ħtija min-naħa tiegħu għal dak li ġara lill-attriċi u qal li kienet hi li taħti għal dak li ġaralha;

Rat li b'ordni ta' surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[3], din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat ir-rapport imressaq fit-28 ta' Ottubru, 2013, mill-espert mediku Charles Grixti[4], u minnu maħluf kif imiss f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2014;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2015[5], li bih u fuq talba magħmula mill-attriċi fit-12 ta' Jannar, 2015[6], u b'nota mressqa mill-partijiet fit-23 ta' April, 2015[7], ħatret lill-psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino bħala espert mediku;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[8], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju wara li l-Assistent Ġudizzjarju ta' qabel temmet il-ħatra tagħha;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert psikjatriku fl-20 ta' Ġunju, 2017[9], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smiegħ tas-17 ta' Jannar, 2018;

---

[1] Paġ. 22 tal-proċess
[2] Paġġ. 27 – 9 tal-proċess
[3] Paġġ. 46 – 7 tal-proċess
[4] Paġġ. 66 – 9 tal-proċess
[5] Paġ. 186 tal-proċess
[6] Paġ. 183 tal-proċess
[7] Paġ. 194 tal-proċess
[8] Paġ. 203 tal-proċess
[9] Paġġ 239 sa 243 tal-proċess

Rat it-tweġibiet mogħtija mill-perit mediku Dr Joseph Vella Baldacchino waqt is-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2018[10], għall-mistoqsijiet in eskussjoni magħmula mill-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata u traskritta)[11];

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni fejn passant ittajret b'daqqa ta' karozza hi u taqsam triq. L-attriċi ttajret minn karozza li dak il-ħin kien qiegħed isuqha l-imħarrek. L-attriċi titlob l-Qorti ssib li l-imħarrek jaħti għall-inċident u minħabba li baqgħet tbati minn ġrieħi li ma jgħaddux, biex iħallasha d-danni;

Illi l-imħarrek jiċħad li b'xi mod jaħti għal dak li ġara u jgħid li kienet l-attriċi nnifisha li taħti għal dak li ġaralha;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li nhar is-7 ta' Frar, 2010, għall-ħabta tat-tmienja u għoxrin (8.20) ta' filgħodu, l-attriċi u żewġha kienu mexjin quddiem id-dar u f'xi ħin kienet qiegħda taqsam Triq in-Namur, ġewwa l-Iklin, intlaqtet minn vettura li kisret għal ġol-istess triq minn Triq il-Plejju. Il-vettura tal-għamla *Toyota*, bin-numru ta' reġistrazzjoni CBP 641[12], kienet misjuqa mill-imħarrek;

Illi Triq il-Plejju hija triq għat-telgħa wieqfa u Sammut kienet toqgħod fil-kantuniera bejn Triq il-Plejju u Triq in-Namur. Triq in-Namur fuq ix-xellug minn Triq il-Plejju ma tinfidx. It-toroq mertu tal-każ huma asfaltati tajjeb. L-imħarrek kien joqgħod fi triq oħra (Triq il-Prinjol) fl-istess inħawi;

Illi l-attriċi tgħid li meta intlaqtet mill-vettura kienet għoddha qasmet it-triq kollha u kien fadlilha biss ftit passi mill-bankina li kien fi ħsiebha titla' fuqha, kantuniera 'l bogħod minn fejn kienet toqgħod. Tisħaq li l-imħarrek kiser mal-bankina hu u tiela' fuq in-naħa l-ħażina ta' Triq il-Plejju u

[10] Paġġ. 245 – 8 tal-proċess
[11] Paġ. 249 tal-proċess
[12] Ara Dokti. "KG1" u "KG2" f'paġġ. 55 sa 61 tal-proċess

sab lilha quddiemu. Tgħid li kien hemm vettura pparkjata mal-bankina viċin fejn seħħ l-inċident[13]. Francis Sammut, żewġ l-attriċi, kien fuq il-bankina fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Huwa jikkorrobora l-verżjoni tal-fatti kif spjegati minn martu u jżid jgħid li l-imħarrek saq għal ġo Triq in-Namur "*wrong side*" u, kemm-il darba ma sabx lil martu u laqatha, kien jibqa' dieħel ġol-vettura li kienet ipparkjata mal-bankina fuq dik in-naħa tat-triq ftit passi 'l bogħod minn fejn ittajret martu[14];

Illi l-imħarrek jgħid li meta kiser għal Triq in-Namur, sab lill-attriċi ma' wiċċu. Bejn x'ħin raha għal x'ħin laqatha, fi kliemu, għaddew biss ftit sekondi[15];

Illi wara l-inċident, l-attriċi ttieħdet l-isptar u ġiet ċertifikata li tbati minn ġrieħi ta' natura ħafifa[16]. Minn wara l-inċident, Sammut attendiet għand diversi esperti mediċi għall-konsulenza u rċeviet kura kemm għall-uġigħ f'daharha, kif ukoll għad-dipressjoni li tgħid li waqgħet fiha[17]. Ġiet ċertifikata li tbati minn debilità ta' erbgħa u erbgħin fil-mija (44%). L-attriċi tgħid li wara l-inċident, ħajjitha nbidlet u naqset ħafna mill-attivitajiet ta' kuljum. Tgħid li nefqet flus kbar biex tipprova ttejjeb saħħitha[18]. Dakinhar li ttajret, l-attriċi kellha erbgħa u ħamsin (54) sena;

Illi fit-30 ta' Jannar, 2012, l-attriċi bagħtet tinterpella b'att ġudizzjarju lill-imħarrek sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minnha;

Illi fit-28 ta' Mejju, 2012, infetħet din il-kawża;

Illi l-esperti mediċi maħtura mill-Qorti waslu għall-fehma li l-attriċi tassew qiegħda tbati minn debilità u li din mhijiex sejra tgħaddi maż-żmien. Filwaqt li l-espert ortopediku wasal għall-fehma li d-debilità fiżika tagħha hija fil-grad ta' tlieta fil-mija (3%)[19], l-espert psikjatriku sab li dik mentali tagħha ntlaqtet fil-grad ta' bejn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) u tletin fil-mija (30%), "*minħabba d-differenza fil-kwalità ta' ħajja li għandha kif ukoll is-sintomi persistenti ta' natura psikoloġika li għadha tbati minnhom inkluż il-fatt li tħares lejn il-futur b'mod negattiv u bla tama*"[20];

---

[13] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġġ. 208 – 210 tal-proċess u f'paġ. 36B tal-proċess fejn issir referenza għall-iskizz Dok. "KG2" f'paġ. 61 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Frank Sammut f'paġ 212 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 201 – 2 tal-proċess
[16] Ara Dok. "KG1" paġ. 59 tal-proċess
[17] Ara Dok. "B" f'paġġ. 9 – 12 tal-proċess, Dok. "Ċ" f'paġġ. 13 sa 20 tal-proċess, Dok. "BM1" f'paġ. 83 tal-proċess u Dok. "MT1" f'paġ. 193 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġġ. 36B - 36Ċ tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "S1" sa "S80" f'paġġ. 85 sa 178 tal-proċess; Dokti. "CS1" sa "CS5" f'paġġ. 229 sa 233 tal-proċess
[19] Ara Rapport Ortopediku f'paġġ. 66 – 9 tal-proċess
[20] Ara Rapport Priskjatriku f'paġġ. 239 sa 243 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-kawża, il-Qorti tibda biex tirrileva li d-dinamika tal-inċident ma jidhirx li tippreżenta stampa kumplikata. L-imħarrek kien qed isur il-karozza tiegħu għat-telgħa, u kif daħal għal ġo triq li taqsam dik li kien tiela' minnha, sab ma' wiċċu lill-attriċi li kienet qiegħda taqsam it-triq li kien dieħel fiha;

Illi, madanakollu, fil-każ ta' llum, bħalma bosta drabi jiġri f'inċident bħal dan, il-verżjonijiet tal-partijiet imdaħħlin fil-każ ikunu x'aktarx ma jaqblux ma' ta' xulxin, u miżjuda b'doża ta' interpretazzjoni suġġettiva ta' dak lil jkun seħħ tassew;

Illi l-attriċi tisħaq li kienet qiegħda taqsam ftit bogħod mill-kantuniera tat-triq u li l-imħarrek daħal "*wrong side*" ħabta u sabta għal fuqha. Din l-istess verżjoni qalitha lill-Pulizija li kien mar fuq il-post dak inhar li seħħ l-inċident u li kien kellem lill-partijiet u lix-xhud preżenti[21]. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid li kif daħal ġo Triq in-Namur sab lill-attriċi ma' wiċċu u ma setax jevitaha għaliex kienet qiegħda taqsam qrib il-kantuniera;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet fattwali li saru, wieħed jipprova jwettaq apprezzament xieraq tal-verżjonijiet tal-partijiet li minnu wieħed jimxi għal kwestjoni tad-determinazzjoni tal-ħtija ta' dak li seħħ;

Illi għar-rigward tal-kwestjoni tal-apprezzament tal-provi, huwa prinċipju stabilit fil-qasam tal-inċidenti tat-triq li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[22]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[23];

Illi fil-każ tal-lum, il-Qorti jidhrilha li għandha provi u elementi biżżejjed biex tagħraf tislet xejra ta' ġrajjiet li m'għandhomx ifixkluha milli tasal għall-fehma tagħha;

---

[21] Ara x-xhieda ta' PS Kevin Grima f'paġ. 51 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "KG1" f'paġ. 58 tal-proċess
[22] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**); u App. Inf. PS **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Carmel Vella Clark***
[23] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***

Illi meta wieħed iqis dawn ir-riżultanzi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li għal dak li jirrigwarda **min kien jaħti għall inċident** din (jiġifieri lil hinn mill-interpretazzjoni nnifisha mogħtija mill-partijiet) turi li l-ħtija waħdanija ta' dak li ġara kienet tal-imħarrek. Hemm għadd ta' fatturi li juru li dak li ġralha l-attriċi kienet minħabba li l-imħarrek naqas milli jħares il-ħtiġijiet elementari mistennija minn kull min ikun qiegħed fil-kontroll ta' karozza[24], l-aktar dak li jkun jaf dak kollu li jkun qed jiġri madwaru[25];

Illi fi kliem l-imħarrek, meta kiser għal ġo Triq in-Namur, sab lill-attriċi ma' wiċċu u ma kellux ħin jevita li jolqotha[26]. Kemm hu hekk, l-għaref difensur tiegħu waqt it-trattazzjoni tal-għeluq seħaq li l-attriċi kienet taħti għaliex għażlet li taqsam sewwasew qrib kantuniera, u dan meta hija stess qalet li semgħet il-karozza ġejja u meta l-uniku żbokk li kellha l-karozza kien li ddur sewwasew lejn in-naħa li minnha l-attriċi kienet qiegħda taqsam it-triq (minħabba li, lejn in-naħa l-oħra, Triq in-Namur ma tkomplix). L-attriċi, min-naħa l-oħra, tgħid li l-karozza tal-imħarrek ma ratiex fl-ebda ħin[27]. Dan ifisser ħaġa waħda biss, fil-fehma tal-Qorti: li l-imħarrek naqas li jieqaf fuq is-sinjal "STOP" li hemm hekk kif titla' Triq il-Plejju qabel ma taqsam Triq in-Namur[28]. Laqatha għaliex, għal xi raġuni, minbarra li ma waqafx fuq is-sinja "Stop", qata' huwa stess il-kantuniera u ġibed fuq in-naħa l-ħażina tat-triq. Li kieku l-imħarrek uża l-prudenza u saq bil-għaqal u waqaf kif kien mitlub li jagħmel, l-inċident ma kienx jiġri għaliex il-partijiet kienu jaraw lil xulxin. Fit-tieni lok, jirriżulta li l-imħarrek kiser għal ġo Triq in-Namur "*wrong side*". Dan jixhdu kemm l-iskizz[29], kif ukoll il-fatt li tajjar lill-attriċi li kienet għoddha qasmet il-wisgħa kollha ta' Triq in-Namur. Li kieku l-imħarrek żamm fuq in-naħa x-xierqa ta' Triq il-Plejju, ma kien jolqotha qatt lill-attriċi fejn kienet waslet. Fit-tielet lok, l-imħarrek ressaq id-difiża li dak li seħħ kien lil hinn mir-rieda jew mill-kontroll tiegħu għaliex l-attriċi kienet qed taqsam qrib ħafna tal-kantuniera;

Illi huwa magħruf li biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[30]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li "biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-bonus pater familias"[31]. Fuq kollox, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik

[24] P.A. AJM **3.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd. vs Charles Sciberras***

[25] P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenżuli*** u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** [mhix appellata]

[26] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 201 tal-proċess

[27] Ara x-xhieda tal-attriċi f'paġ. 209 tal-proċess

[28] Ara Dok. "KG2" f'paġ. 61 tal-proċess

[29] *ibid*

[30] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Ltd. vs Joseph Micallef et***

[31] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)

il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[32]. Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[33], minbarra li difiża bħal din tqiegħed il-piż tal-prova tagħha fuq l-istess eċċipjent;

Illi dwar jekk l-attriċi kkontribwietx ukoll għal dak li ġralha, l-Qorti ssib li ma ntweriex li kienet qiegħda f'xi parti jew naħa tat-triq li fiha ma kellhiex tkun. L-imħarrek laħaq kiser qabel ma sabha quddiemu, u għaldaqstant l-argument tal-imħarrek li l-attriċi qasmet qrib ħafna tal-kantuniera mhux ser jiġi milqugħ. Lanqas ma ntwera li hi rat jew setgħet tobsor li l-vettura tal-imħarrek kienet ser iddur fuqha għall-istess raġunijiet li ssemmew qabel;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-attriċi ma kellha l-ebda ħtija f'dak li ġara u li l-ħtija waħedha jrid iġorrha l-imħarrek;

Illi, minħabba f'din il-fehma, l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi għaliex mistħoqqa;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa għal-**likwidazzjoni tad-danni** mitluba mill-attriċi u li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għalihom. F'materja ta' likwidazzjoni tad-danni, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[34], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[35]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[36];

Illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilita' dejjiema kawżata minn dak l-għemil[37];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-attriċi qiegħda tippretendi kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*) u kif

[32] Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509
[33] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)
[34] Art. 1031 tal-Kap. 16
[35] Art. 1032(2) tal-Kap. 16
[36] Art. 1033 tal-Kap. 16
[37] Art. 1045(1) tal-Kap. 16

ukoll dwar in-nuqqas jew telf li sejra ġġarrab minħabba li baqgħet ma fiqitx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrbet fl-inċident (*lucrum cessans*). Il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqin mill-attriċi dwar l-ilmenti tagħha u jidhrilha li hemm nisġa bejn l-inċident u dak li ġarrbet l-attriċi wara l-ħabta. Minn dak li jissemma fir-*Road Accident Report*[38], meħud flimkien mal-fehmiet tal-espert mediku mqabbad mill-Qorti[39] (li jqarrab ukoll mal-fehmiet tal-konsulent mqabbad *ex parte*)[40], il-Qorti tasal għall-fehma li d-debilità fiżika seħħet fil-ħin tal-ħabta u kienet effett dirett tagħha. Tqis ukoll li tista' toqgħod fuq il-fehmiet tal-espert psikjatriku[41] mqabbad minnha fi stadju ulterjuri tal-kawża, illi d-debilità psikjatrika li l-attriċi tbati minnha hija kronika, riżultat tal-inċident, u, għar-raġunijiet mfissra minnu fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, il-possibilità illi l-attriċi tmur għall-aħjar hija remota[42]. Tal-istess fehma wasal għaliha t-tabib psikjatra mqabbad mill-attriċi fir-rapport mħejji minnu u anness fl-atti tal-kawża[43];

Illi kif ingħad mill-Qrati Maltin[44], *"mhux neċessarju li debilità permanenti tkun waħda fiżika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilità psikika li timmanifesta ruħha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapaċità għax-xogħol ta' l-individwu. Li kien meħtieġ pero' hu li jiġi stabbilit lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li tali debilità kawżata minn debilità psikika tkun direttament kawżata mill-inċident li għalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-disabilità tkun waħda permanenti. .. .. Filwaqt li hemm diffikultà tal-prova f'dan il-kamp, ċertament ma jistax jiġi eskluż li jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-ħsara provokata minn inċident, anke stradali, ma tkunx daqstant fiżika daqs kemm psikika. Filwaqt li jista' jkun li jkun hemm ħsara fiżika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluż li tali ħsara setgħet tipprovoka debilità psikoloġika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qligħ futur*";

Illi ngħad[45] ukoll li "*Għalkemm il-konklużjonijiet tal-perit mediku huma ta' rilevanza kbira għall-ġudikant sabiex hu jkun jista' jillikwida t-telf ta' qligħ futur tal-persuna diżabilitata, ma jfissirx li r-rata ta' inkapaċità medika ċċertifikata mill-esperti mediċi tikkorrispondi eżatt mar-rata tat-telf ta' qligħ futur tagħha u dan jiddependi minn persuna għal persuna u jrid jiġi eżaminat minn każ għal każ. Hekk per eżempju ir-rata ta' diżabilità minn sens purament mediku li jasal għaliha tabib fir-rigward ta' persuna li titlef wieħed mis-swaba'*

[38] Dok. "KG" f'paġġ. 55-59 tal-proċess
[39] Rapport Mediku tal-Kirurgu Mr Charles Grixti f'paġġ. 66 – 9 tal-proċess
[40] Rapport Mediku tal-Kirurgu Mr Massimo Abela f'paġġ. 9 – 12 tal-proċess
[41] Rapport tal-Perit Psikjatriku Joseph Vella Baldacchino f'paġġ. 239 sa 243 tal-proċess
[42] Ara x-xhieda ta' Dr Joseph Vella Baldacchino f'paġġ. 245 – 8 tal-proċess
[43] Rapport Psikjatriku ta' Dr Anthony Dimech f'paġġ. 13 sa 20 tal-proċess
[44] App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana***; u App. Ċiv. **2.6.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Xerri vs Joseph Rapa et***
[45] App. Ċiv. **26.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis u t-tabiba Annamaria konjugi Abela vs Carmel Spiteri et***

*tagħha ċertament li mhux ser tikkorrispondi mar-rata ta' telf ta' qligħ futur ta' dik il-persuna jekk dik il-persuna hija pjanista*". F'każ bħalma l-Qorti għandha quddiemha f'din il-kawża, fejn iċ-ċertifikat mediku juri li l-attriċi ġarrbet debilità mentali fi grad akbar minn dik fiżika, irid isir analiżi minn fejn ikun ġej it-telf ta' qligħ pretiż, jekk hux mid-debilità l-waħda jew l-oħra jew jekk mhux ġej mit-tnejn;

Illi għal dak li **jirrigwarda id-*damnum emergens***, l-attriċi ressqet għadd ta' riċevuti li jikkonsistu f'xiri ta' mediċini, eżamijiet mediċi, konsulenzi u terapija. Il-Qorti tqis illi dawn l-irċevuti, meta mqabbla max-xhieda mogħtija mill-konsulenti mediċi, jirriżulta illi huma lkoll marbuta mal-inċident u għaldaqstant l-attriċi għandha jedd illi titlob kumpens tagħhom. Minbarra dan, l-attriċi ħalfet li l-kontenut ta' dawk il-provi dokumentali kienu kollha marbutin mal-inċident. Il-Qorti fliet sewwa l-imsemmija dokumenti u sabet li, ġeneralment dawn jidhru li tassew huma marbuta ma' nefqiet li l-attriċi kellha tagħmel b'riżultat tal-inċident u l-ħsara li ġarrbet minħabba fih. Il-Qorti tinnota, madankollu, li fost in-nefqiet mitluba, hemm xi wħud li jirrigwardaw spejjeż minfuqa f'din il-kawża[46]. Dawn ma jistgħux jitqiesu taħt din ir-ras ta' danni, imma, jekk ikun il-każ, jitqiesu mat-talba taħt il-kap tal-ispejjeż meta tinħareġ it-taxxa ġudizzjarja tal-kawża. Meta jintgħaddu l-irċevuti rilevanti u validi msemmija, jiġi li l-kumpens taħt din il-kawżali jitla' għas-somma ta' erbat elef mija u tnejn u għoxrin euro u sebgħa w disgħin ċenteżmi (€4122.97);

Illi għal dak li **jirrigwarda l-*lucrum cessans***, l-attriċi jidher li torbot din il-pretensjoni tagħha mal-fatt li għadha tbati ħafna biex tagħmel sewwa u bla xkiel xogħolha fid-dar, kif ukoll mal-fatt li l-inċident bidlilha ħajjitha għaliex tħossha kontinwament depressa;

Illi dan huwa każ fejn il-vittma ġarrbet aktar minn ħsara waħda taħt oqsma differenti mediċi. Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilità li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilità li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

[46] Ara Dok "S42", f'paġ. 132 tal-proċess

F'dan il-każ, il-perċentwali tad-diżabilità jistgħu jiġu "*weighted*" f'perċentwali globali[47];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li tinqeda b'sistema mħaddem f'oqsma ta' likwidazzjoni tad-danni magħruf bħala *whole person impairment*. Dan is-sistema jitħaddem ukoll fil-Qrati tagħna[48];

Illi l-Qorti tqis l-mod kif l-perit mediku sejjes il-fehmiet tiegħu fir-Rapport Mediku, u l-ispjegazzjoni illi l-perit psikjatriku ta għar-Rapport Psikjatriku kif imħejji, u tasal għal fehma li l-perċentwali ta' **debilità sħiħa** li qiegħda ġġor l-attriċi u li sejra tibqa' magħha tul ħajjitha hija dik ta' tmienja u għoxrin fil-mija (28%). B'riħet din id-debilità, fil-fehma tal-esperti mediċi, l-attriċi mhix f'qagħda li tagħmel ix-xogħol li kienet tagħmel qabel fil-ħajja tagħha ta' kuljum, li jissarraf f'nefqiet barranija li se tibqa' jkollha tagħmel fil-ħajja tagħha ta' kuljum u din il-Qorti għandha tara li tiġi kumpensata għalih kif imiss;

Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[49];

Illi fil-każ li għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ imġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li l-attriċi hija mara tad-dar li, fiż-żmien li seħħ l-inċident, ma kellhiex impieg u li kellha erbgħa u ħamsin (54) sena;

Illi f'dan ir-rigward, jingħad li l-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż u minħabba dan il-fatt waħdu[50]. Ix-xogħol tad-dar huwa meqjus li għandu valur ekonomiku u l-liġi dan tagħtih għarfien[51];

Illi tidħol hawnhekk ukoll konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti

[47] Ara, per eżempju, P.A. RCP **7.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Bottone vs Rita Saliba et***

[48] Ara, per eżempju, P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Sylvia Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema*** (mhix appellata) u P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Thomas Tanti*** (mhix appellata) u App. Ċiv. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Micallef vs Brian Tyre Services Ltd.***

[49] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)

[50] Ara App. Ċiv. **19.9.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Żammit et vs George Beżżina*** (mhux pubblikata) u App Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap vs. Degiorgio*** (mhux pubblikata)

[51] P.A. DS **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Buġeja vs Carmel Spiteri***

diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[52]. Manadankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-età tal-persuna korruta kienet qabżet l-età tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[53]. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, u wara li qabblet il-qagħda tal-attriċi ma' oħrajn bħalha f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' tmien (8) snin;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ '*lump sum payment*'), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[54]. F'dan il-każ, l-attriċi fetħet il-kawża ftit aktar minn sentejn (2) wara l-inċident, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[55]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' erba' fil-mija (4%) mis-somma ta' danni likwidata bħala telf ta' qligħ;

Illi meta l-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li dak l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien[56]. Din kienet titla' għal mija u tnejn u ħamsin euro, u disa' u għoxrin il-ċentezmu (€152.29) fil-ġimgħa[57]. Meta wieħed iqis il-*multiplier* li se' jkun jgħodd għall-każ tal-lum, flimkien ma' xi żidiet li tabilfors isiru fil-każ tal-paga minima, jidher xieraq li għall-għanijiet ta' kalkolu, il-Qorti tqis ammont medju ta' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€175) kull ġimgħa, jew disat elef u mitt ewro (€9,100) fis-sena;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallsu lill-attriċi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' dsatax-il elf, ħames mija tmienja u sittin ewro, erbgħa u sittin il-ċenteżmu (€19,568.64)[58];

Illi miġburin flimkien id-danni likwidati taħt iż-żewġ kawżali, il-Qorti qiegħda tilqa' **t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi tillikwida s-somma ta'

---

[52] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)
[53] Ara PA AJM **4.10.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Smith vs Peter Grech*** (mhux pubblikata) u P.A. AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud***. Ara wkoll P.A. GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Sammut vs Robert Demanuele*** fejn il-Qorti qieset li l-kejl xieraq tal-*multiplier* m'għandux jintrabat bl-għama mal-kriterju tal-ħajja lavorattiva tal-vittma
[54] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[55] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe***
[56] P.A. NA **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Schembri vs David Tanti***
[57] Ara L.N. 126 tal-1992 kif emendata (L.S. 452.71)
[58] €9,100 x 8 x 0.28 x 0.96 = € 19,568.64

tlieta u għoxrin elf sitt mija u tnejn u disgħin euro (€23,692)[59] bħala danni mġarrba mill-attriċi fl-imsemmi inċident u li jrid jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek;

Illi filwaqt illi l-attriċi qegħda titlob wkoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata, u b'sostenn ta' dan tagħmel referenza għal ittra uffiċjali li ġġib id-data tat-30 ta' Jannar, 2012, l-imħarrek ma ressaq ebda difiża għal din it-talba;

Illi f'dan il-każ, ma ntweriex li l-pretensjonijiet tal-attriċi dwar il-ħsara li ġarrbet fl-inċident kienu magħrufa dakinhar li ressqet l-att ġudizzjarju msemmi. Kemm hu hekk, bosta mill-provi dokumentali li ressqet sewwasew biex tipprova d-danni mġarrba jirreferu għal żmien wara dik l-ittra uffiċjali (jekk mhux ukoll għaż-żmien li kienet miexja din il-kawża). Il-Qorti ma tqisx, għalhekk, li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm għaliex titħaddem l-eċċezzjoni kontra r-regola li *in illiquidis non contahitur mora,* u m'għandha quddiemha l-ebda prova li turi li d-dewmien jaħti għalih id-debitur interpellat[60];

Illi fil-każ preżenti, għalhekk, l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' danni li qiegħda tkun likwidata bis-saħħa ta' din is-sentenza jridu jibdew jimxu millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib lill-imħarrek waħdu jaħti għad-danni mġarrba mill-attriċi bħala riżultat tal-inċident li seħħ fis-7 ta' Frar, 2010 fi Triq il-Plejju kantuniera ma' Triq in-Namur, fl-Iklin, meta ttajret mill-vettura reġistrata CBP-641 misjuqa mill-imħarrek;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attriċi f'dak l-inċident fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u tnejn u disgħin euro (€23,692);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u tnejn u disgħin euro (€23,692), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

[59] € 4,122.97 + € 19,568.64
[60] Ara Giorgi *Delle Obbligazioni*. Ara wkoll App. Ċiv. **23.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.181**)

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Lulju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**9 ta' Lulju, 2020**